**MALTA**

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-10 ta' Novembru, 2016.

Kawza numru 780/2014 AM3

Numru fuq il-Lista: 4

**Jet Services Limited (C16337)**
**Frezza Buildings, Notabile Road, Mriehel**

**Vs**

**Justin Haber**
**332, Triq in-Nixxiegha, Santa Marija Estate,**
**Mellieha**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-27 ta' Novembru, 2014 li permezz tieghu s-Socjeta' talbet il-hlas minghand il-konvenut fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) dovuti mill-konvenut ghal servizz ta' garr u noll ta' merkanzija provut mis-Socjeta' attrici.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, il-konvenut ma prezentax ir-risposta tieghu fi zmien moghti mil-ligi.

Ra r-rikors tal-konvenut tat-03 ta' Marzu, 2016 li permezz tieghu talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu izda minkejja l-ordni ta' dan it-Tribunal tal-04 ta' Marzu, 2016 sabiex jinnotifika lil kontro-parti ghar-risposta l-konvenut baqa' ma ghamel xejn u lanqas attenda ghas-seduti sussegwenti.

Illi ghalhekk it-Tribunal jiddikjara li l-konvenut huwa kontumaci.

Ra x-xhieda ta' Olvin Galea in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici fol 20 et tal-procss odjern f'din it-talba u tat-28 ta' Ottubru, 2016. Illi l-istess xhud Olvin Galea fis-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2016 xehed li l-bilanc dovut huwa ta' tlett elef erba' mija u tmintax-il ewro u tlett centezmi (€3,418.03c) u pprezenta statement of account.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mis-Socjeta' attrici.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, erba' mija u tmintax-il ewro u tlett centezmi (€3,418.03c) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2120/14 u tal-mandat ta' sekwestru huma a kariku tal-konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**